*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,663, 16 ta' Ottubru, 1979*

*Taqsima C*

# Nru. 117

16. 10. 79

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Freddie Micallef, M.P., Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd, u moqri għall-Ewwel Darba fis-Seduta tal-15 ta' Ottubru, 1979.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1953 dwar l-Industrja tal-Ħut.**

C. Mifsud
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Freddie Micallef, M.P., Minister of Agriculture and Fisheries, and read the First time at the Sitting of the 15th October, 1979.

**AN ACT further to amend the Fish Industry Act, 1953.**

C. Mifsud
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1953 dwar l-Industrja tal-Ħut.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan ġej:—

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1979 li jemenda l-Att dwar l-Industrja tal-Ħut, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1953 dwar l-Industrja tal-Ħut, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**2.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "£50 (multa)" għandhom jidħlu l-kliem "multa ta' elf lira jew priġunerija għal żmien tliet xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

**3.** Minflok is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Kull meta ssir xi kontravenzjoni ta' dan l-artikolu, minbarra l-piena preskritta b'dan l-Att, il-Qorti, meta ssib lil xi ħadd ħati, għandha tordna l-konfiska tad-dgħajsa li jkollha x'taqsam u tal-għodod tas-sajd u tal-ħut kollu li jinsab fuq id-dgħajjes fil-ħin tar-reat.".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

**4.** Minflok l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol l-artikolu ġdid li ġej:

"Pieni. 13. Kull persuna ħatja ta' reat taħt dan l-Att, meta tinsab ħatja, —

(a) fil-każ ta' reat kontra l-artikolu 4 ta' dan l-Att, teħel —

(i) multa ta' £4000, dwar l-ewwel reat, u

(ii) priġunerija għal żmien ta' tliet xhur jew multa ta' £4000 jew dik il-multa u priġunerija flimkien, dwar it-tieni reat jew xi reat ieħor wara;

(b) fil-każ ta' xi reat ieħor, teħel multa ta' mhux inqas minn £50 iżda mhux iżjed minn £1000, jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jipprovdi għal pieni ġodda għal reati kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1953 dwar l-Industrja tal-Ħut.

## A BILL

### entitled

*AN ACT further to amend the Fish Industry Act,* 1953.

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Fish Industry (Amendment) Act, 1979, and shall be read and construed as one with the Fish Industry Act, 1953, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 3 of the principal Act.

**2.** In subsection (1) of section 3 of the principal Act, for the words "a fine (*multa*) of fifty pounds" there shall be substituted the words "a fine *(multa)* of one thousand pounds or imprisonment for a term of three months or both such fine and imprisonment".

Amendment of section 4 of the principal Act.

**3.** For subsection (3) of section 4 of the principal Act there shall be substituted the following:

"(3) In the event of any contravention of this section, besides the punishment imposed by this Act, the Court shall, on conviction, order the forfeiture of the boat concerned and the fishing implements and of any fish that may be on board such boat at the time of the offence.".

Substitution of section 13 of the principal Act.

**4.** For section 13 of the principal Act there shall be substituted the following new section:

"Penalties.

13. Any person guilty of an offence under this Act shall, on conviction —

(a) in the case of an offence against section 4 of this Act, be liable —

(i) to a fine (*multa*) of £4000, in respect of a first offence, and

(ii) to imprisonment for a term of three months or to a fine (*multa*) of £4000 or to both such fine and imprisonment, in respect of a second or subsequent offence;

(b) in the case of any other offence, be liable to a fine (*multa*) of not less than £50 but not exceeding £1000, or to imprisonment for a term not exceeding three months or to both such fine and imprisonment.".

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to provide for new penalties for offences against the provisions of the Fish Industry Act, 1953.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U.C.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*
Prezz 1c — *Price 1c*